MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Numru 61/2002

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
v

**ALFRED ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRED ATTARD** ta' tnejn u tletin sena bin Paul u Helen nee Testa, imwieled H'Attard nhar l-erbatax ta' Jannar 1970 u residenti 'Rufic Flats', Flat 6, Triq il-Mazzola, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita` numru 43970M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin u cioe bejn Ottubru 1997 u Lulju 1999, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin liema flejjes jappartjenu li Alfred Camilleri, direttur ta' New York Garage u persjuni ohra u dan r-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Dicembru 2002 esebit fl-atti a fol 21 w immarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 kif jirrizulta a fol 22 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-erbatax ta' Settembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 **xehdet l-allura Spettur Alexandra Mamo** [fol 23] li kkonfermat li hija kienet irceviet kwerla minghand Alfred Camilleri bhala direttur ta' New York Garage f'Hal Qormi, dwar allegat kaz ta' misappropriazzjoni u frodi mill-imputat fis-somma ta' erbat elef u hames mitt lira maltin. Hija ghalhekk kienet baghtet ghal kwerelant Alfred Camilleri u talbitu jispjegalha l-kwerela tieghu sabiex tibda l-investigazzjoni taghha. Qalet li Alfred Camilleri spjegalha li kien gie avvicinat mill-imputat li talbu sabiex jaghtih xi karozzi sabiex ibieghhomlu u b'hekk ikun jista jaqla lira. Huwa fdah u tah zewg vetturi wahda Toyota Starlet u ohra Peugeot <u>bl-uzu</u>

specifikat li huwa jbieghhom ghan-nom tieghu, jigbor il-flus, izomm il-profitt ghalih u jghaddi r-rimanenti lura lilu. Illi sussegwentement Afred Camilleri ghaddiehlu l-pussess ta' dawn iz-zewg vetturi u l-imputat bieghhom pero ma tahx il-flus li kien akkwista minn tali bejgh.

Illi hija imbaghad baghtet ghal imputat u wara li taghtu s-solita twissija dan irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita a fol 27 tal-atti markata bhala dokument AFM.

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti li verament kien biegh l-karozzi u li kien investa l-flus li rcieva fix-xiri ta' vetturi ohra. Ammetta maghha li verament kien debitu ta'Alfred Camilleri u li in effetti kien bi hsiebu jhallsu. Stqarr wkoll li 'n segwitu kienet saret kawza civili u l-pretenzjonijiet tieghu gew decizi tramite dawk l-istess proceduri.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 **xehed Alfred Camilleri** [fol 30] u spjega kif xi zmien ilu huwa kien ta lil imptuat zewg karozzi wahda Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni AAR 706 u ohra Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni HAC 257 biex jbieghhom ghan-nom tieghu. Stqarr li flimkien dawn iz-zewg vetturi kellhom valur ta' sebat elef lira oltre xi senserija li kellu jircievi hu. Effettivament wara xi zmien, irrizultalu li l-imputat biegh il-vettura Toyota Starlet lil certu John Grech minn San Gwann ghal prezz ta' erbat elef lira maltin skond ma qallu l-imputat izda l-flus ma tahomlux kif kienu ftehmu. Dwar il-vettura l-ohra u cioe dik tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni HAC 257, ma kienx hemm problemi ghaliex kien hadha lura.

Illi nhar l-hamsa ta'April 2004 **xehed John Grech** [fol 52] w ikkonferma li kien xtara il-vettura Toyota Starlet minghand l-imputat billi partat il-Peugeot li kellu hu oltre li tah is-somma ta' elfejn u tlett mitt lira maltin. Hu kkonferma li flus lil imputat tah w in olttre l-imputat stess ghamel t-transfer relattiv u tah il-log book taghha.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 63] w ikkonferma in

parte dak li qal l-kwerelat u cioe li kien ha zewg karozzi minghandu sabiex jinnegozjhom. Illi wara tlett ijiem hu talbu wahda minnhom lura u cioe l-Peugeot 106 ghaliex kien sab l-bejgh taghha hu stess u hadilu. Talbu aktar zmien biex ibiegh t-Toyota Starlet u dan estendielu z-zmien. Sussegwentement jghid li partat din il-vettura Toyota Starlet u mar jghid lil Alfred Camilleri dwar dan il-ftehim. Qal wkoll li oltre l-karozza Peugoet li kien ha minghand John Grech huwa kien ircieva s-somma ta' elfejn lira w ikkonferma li Alfred Camilleri kien ippresenta kawza civili u li llum il-gurnata m'ghandu jaghtih xejn.

Illi nhar l-erbatax ta' Settembru 2005, **reghha xehed Alfred Camilleri** [fol 78] w ikkonferma li verament ma kellu l-ebda pretenzjoni pendenti kontra l-imputat u li xtaq jirtira l-kwerela tieghu ghaliex interess fl-esitu tal-proceduri odjerni ma kellux aktar.

Illi jirrizulta li l-akkuzi ta' approprijazzjoni bla jedd kif moghtija mill-Prosekuzzjoni, nghatat bic-cirkostanza aggravat u cioe li l-haga giet fdata u kunsinnata lil imputat minhabba ragunijiet ta' kummerc fis-servizz tieghu w ghalhekk l-azzjoni ghandha titmexxa ex officio skond l-artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ma hemmx dubbju anke minn dak li qal l-imputat stess li huwa gie fdat il-pussess tal-vettura Toyota Starlet taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus una volta l-vettura tigi mibjugha. Illi ghalkemm il-vettura nghatat lil imputat, inghatatlu bl-uzu specifiku sabiex tinbiegh u bil-patt u kundizzjoni sussegwenti li l-imputat jhallas lil kwerelant. Haga li jidher li ma saritx ghal ammont ta' zmien u kien biss meta gew intavolati l-proceduri civili li l-imputat hallas lil kwerelant.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi taghha w ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lil imputat ALFRED ATTARD <u>hati tal-akkuza</u> u tiddeciedi, minhabba l-fatt li l-kwerelant llum thallas ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tieghu, li**

**tilliberah ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tmintax l-xahar mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------